

[Paġna Ewlenija](#) > ... > [Teħid Ta' Azzjoni Legali](#) > [Sistemi Legali - Tal-UE U Nazzjonali](#) > [Sistemi Ġudizzjarji Nazzjonali](#) > [Italy](#)

Sistemi ġudizzjarji nazzjonali

Il-kontenut ipprovdut minn
Italja

Italja



Din it-taqsimha tipprovdilek ħarsa ġenerali lejha is-sistema tal-qorti fl-Italja.

L-organizzazzjoni tal-ġustizzja – sistemi ġudizzjarji

Is-sistema ġudizzjarja Taljana hija bbażata fuq il-liġi ċivili.

Il-funzjoni ta' imħallef, kif ukoll dik ta' prosekutur pubbliku, tiġi eżerċitata mill-membri tal-ġudikatura. Il-funzjoni amministrattiva titwettaq mill-Ministeru tal-Ġustizzja.

Il-funzjoni ġudizzjarja tista' tinqasam fl-oqsma li ġejjin:

- Ċivili u kriminali ordinarji
- Amministrattiv
- Kontabbiltà
- Militari
- Fiskali

Il-ġurisdizzjoni f'materji amministrattivi tiġi eżerċitata mill-qorti amministrattivi reġjonali (Tribunali Amministrativi Regionali jew TAR) u mill-Kunsill tal-Istat (Consiglio di Stato).

Il-ġurisdizzjoni f'materji ta' kontabbiltà tiġi eżerċitata mill-Qorti tal-Awdituri tal-Istat (Corte dei conti). L-uffiċċju tal-prosekutur pubbliku ġenerali huwa bbażat fl-istess qorti.

Il-ġurisdizzjoni f'materji fiskali tiġi eżerċitata mill-Kummissjonijiet Fiskali Provinċjali u mill-Kummissjonijiet Fiskali Distrettwali.

Il-ġurisdizzjoni f'materji militari tiġi eżerċitata mill-qorti militari, mill-qorti militari tal-appelli, mill-qorti militari ta' sorveljanza, mill-prosekuturi militari bbażati fil-qorti militari, mill-prosekuturi militari ġenerali bbażati fil-qorti tal-appell militari, u mill-prosekutur militari ġenerali bbażat fil-Qorti tal-Kassazzjoni.

Il-ġurisdizzjoni f'materji ċivili u kriminali ordinarji tiġi eżerċitata mill-maġistrati li jappartejnu għall-ordni ġudizzjarju, li tinqasam fil-ġudikanti min-naħa waħda u mill-maġistrati tal-uffiċċju tal-prosekutur pubbliku min-naħa l-oħra, li jaqdu r-rwol ta' imħallef u maġistrat istrutturju rispettivament.

L-amministrazzjoni tal-qorti

Il-Konstituzzjoni, fost l-istrutturi tal-gvern, tagħmel lill-Ministeru tal-Ġustizzja responsabbli għall-amministrazzjoni tal-qorti minħabba l-funzjoni speċjali, ir-rwol u r-relazzjoni tiegħu mal-ġudikatura.

Wara eżami pubbliku diffiċli, il-maġistrati jiġu assenjati fil-qorti f'qasam ta' kompetenza partikolari, skont l-għażla personali tagħhom. Dawn ma jistgħux jiġu assenjati, promossi, imneħħija, trasferiti jew ikkastigati mingħajr id-deċiżjoni tal-Consiglio Superiore della Maġistratura jew iċ-CSM (il-kunsill superjuri tal-maġistrati) u b'garanziji speċjali ta' protezzjoni.

Il-kwistjonijiet kollha relatati mal-maġistrati jridu jiġu evalwati miċ-CSM, li jipproteġi l-awtomomija tal-maġistrati u tal-istatus tagħhom.

Il-President tar-Repubblika tal-Italja huwa wkoll il-president taċ-CSM.

Il-Ministeru tal-Ġustizzja jaqdi l-funzjonijiet amministrattivi u organizzattivi tiegħu fuq żewġ livelli:

- Fi ħdan l-istrutturi ċentrali (dipartimenti), prinċipalment f'Ruma u, għal oqsma speċjali ta' kompetenza, f'taqsimiet lokali wkoll
- Fl-uffiċċji ġudizzjarji, tribunali, qrati, eċċ

Il-funzjoni amministrattiva hija responsabbli wkoll għall-impjegati li jiġu assenjati fis-servizzi ġudizzjarji.

Fl-ogħla livell tal-qrati (jew l-uffiċċji tal-prosekuzzjoni pubblika), hemm:

- Il-prim maġistrat, li huwa responsabbli mill-ġudikatura u jkollu l-aħħar kelma fir-rigward ta' deċiżjonijiet tal-uffiċċju
- Id-diriġent tal-qorti (dirigente) li huwa ddedikat għall-organizzazzjoni tas-servizzi ġudizzjarji għall-assistenza pubblika u interna għall-imħallfin u l-prosekuturi. Dik tad-diriġent hija l-ogħla pożizzjoni fil-parti amministrattiva.

Tipi ta' qrati – deskrizzjoni fil-qosor

Il-qrati huma stabbiliti kif ġej:

L-Ewwel Istanza

- Kummissarji tal-ġustizzja (giudici di pace) – li huma ġudikanti onorarji (non-professjonisti). Dawn jisimgħu każijiet ċivili u kriminali minuri
- Qrati jew tribunali (tribunali) – jisimgħu l-aktar każijiet serji
- L-uffiċċju penali (ufficio di sorveglianza) – jisma' każijiet tal-ewwel istanza li jnvolvu ġustizzja penali (kriminali) (kwistjonijiet dwar priġunieri, kundanni, eċċ.)
- Qorti tal-minuri (tribunale per i minorenni)

It-Tieni Istanza

Biex jitressaq rikors kontra l-ewwel sentenza dwar raġunijiet fattwali u l-interpretazzjoni tal-liġi:

- Qrati tal-appell; (corte d'appello)
- Tribunali penali (tribunale di sorveglianza) – qrati tat-tien'istanza (u, f'ċerti kwistjonijiet speċjali, tal-ewwel istanza) fi kwistjonijiet li jnvolvu l-ġustizzja penali

It-Tielet istanza

Biex jitressaq rikors għall-ksur tal-liġi fl-ogħla livell:

- Qorti Suprema (corte di cassazione) – b'kompetenza ġenerali u l-istanza finali

Fi ħdan it-tribunali ewlenin, hemm ukoll taqsimiet speċjali. Fuq il-Qrati tal-assiżi (corti d'assise) jpoġġu żewġ imħallfin professjonali u sitt ġurati. Il-ġurati jintgħażlu minn fost iċ-ċittadini sabiex iservu għal perjodi qosra, sabiex jikkooperaw u jirrappreżentaw id-diversi setturi tas-soċjetà. Dawn il-qrati jieħdu deċiżjonijiet dwar każi kriminali serji (omiċidju, attackki serji u oħrajn simili).

Il-maġistrati li jkollhom rwol ta' prosekuturi pubbliċi fil-proċessi huma:

- Il-prosekuturi ewlenin tal-ewwel istanza (procuratore della Repubblica presso il Tribunale) u d-deputati tagħhom (sostituti procuratori)
- Il-prosekuturi ewlenin tat-tieni istanza (procuratore generale presso la Corte d'appello) u d-deputati tagħhom (sostituti procuratori ġenerali)
- L-avukat ġenerali għall-qorti suprema (procuratore generale presso la Corte di cassazione) u d-deputati tiegħu jew tagħha (sostituti procuratori ġenerali)

Fl-Italja, ir-rwol tal-prosekutur pubbliku jitwettaq minn maġistrati tal-esperjenza, li jeżerċitaw il-funzjonijiet tagħhom taħt is-superviżjoni tal-kap tal-burò tagħhom. Dan jopera bħal tip ta' ġerarkija li tapplika biss għall-uffiċċji tal-prosekuturi pubbliċi.

Il-ġerarkija tal-qrati

	Ġurisdizzjoni ċivili	Ġurisdizzjoni kriminali	Ġurisdizzjoni tal-minorenni	Ġurisdizzjoni penali
I Grad	Kummissarju tal- Ġustizzja Tribunal	Kummissarju tal- Ġustizzja Tribunal	Qorti tal-Minorenni	L-Uffiċċju Penali/Tribunal Penali
II Grad	Qorti tal-Appell	Qorti tal-Appell	Taqsimha Speċjalizzata tal- Qorti tal-Appell	Tribunal Penali
Ksur tal- liġi	Qorti Suprema (jew Qorti tal-Kassazzjoni)	Qorti Suprema (jew Qorti tal-Kassazzjoni)	Qorti Suprema (jew Qorti tal-Kassazzjoni)	Qorti Suprema (jew Qorti tal-Kassazzjoni)
Bażijiet tad-dejta legali				

Is-sit elettroniku tal-[Ministeru tal-Ġustizzja Taljan](#) fih informazzjoni dwar il-ġudikatura, il-Ministeru tal-Ġustizzja, il-kompetenzi rispettivi dwar u d-dettalji tal-kuntatt għad-diversi uffiċċji.

Is-sit elettroniku tal-[Kunsill Superjuri tal-Maġistrati](#) joffri dettalji dwar is-sistema ġudizzjarja tal-Italja bit-Taljan, bl-Ingliż u bil-Franċiż.

Iż-żewġ siti elettroniċi huma aċċessibbli mingħajr h̄las.

L-aħħar aġġornament: 18/01/2022

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċetta responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.